MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1030/2000/1

**Julie Muscat mart Raymond Debono minnu legalment separata.**

**vs.**

**Raymond Debono.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awissu tas-sena elf, disa` mija u sitta u tmenin (1986) f'Malta gie celebrat iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi miz-zwieg taghhom baqghu improle;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali ta' l-istess;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi ezzenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk dan iz-zwieg huwa null u bla effett skond il-ligi, b'mod partikolari a tenur **tas-sub-incizi (d) u (f) tas-subartikolu 1 ta' l-artikolu 19 ta' l-att dwar iz-zwieg tas-sena elf, disa` mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awissu tas-sena elf, disa` mija u sitta u tmenin (1986) huwa null u bla effett skond il-ligi, b'mod partikolari a tenur tas-**sub-inciz (d) u (f) tas-subartikolu 1 ta' l-artikolu 19 ta' l-Att dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa` mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** u ghalhekk tordna li ssir ir-registrazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv.

(2) Tapplika kontra l-konvenut in *mala fede* l-effetti kontemplati fl-**artikolu 20 ta' l-istess Kap 255** b'mod partikolari **is-subinciz (3) u (5) ta' l-istess artikolu 20.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici (a fol. 4) tal-process;

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-3 ta’ Awissu 2000 li permezz taghha qed tipprezenta certifikat taz-zwieg tal-kontendenti;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta tas-6 ta’ Frar 2001 fejn il-konvenut ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-26 ta’ Frar 2001 fejn gie ecceppixxa:-

1. Illi in kwantu li l-attrici talbet annullament ghar-ragunijiet moghtija, din ghandha tigi michuda.

2. Jekk talvolta hemm lok ghal annullament din ghandha tinghata ghal ragunijiet ben diversi minn dawk proposti mill-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Mejju 2001 fejn giet nominata Dr. Edwina Grima bhala Perit Legali u tat-13 ta’ Novembru 2001 fejn il-kawza thalliet ghar-rapport;

Rat l-avviz tal-21 ta’ Marzu 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace ghall-20 ta’ Gunju 2002;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta datat 20 ta’ Gunju 2002 fejn gie estiz it-terminu ghall-prezentata ta’ l-affidavits b’ghoxrin (20) gurnata u l-kawza thalliet ghar-rapport ghall-4 ta’ Dicembru 2002;

Rat in-nota ta’ l-attrici ta’ l-24 ta’ Lulju 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess datat 20 ta’ Gunju 2002 a fol. 19 u 20 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Dicembru 2002 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland infurmat il-Qorti li b’seduta fid-9 ta’ Jannar 2003 l-attrici taghlaq il-provi; l-konvenut gie

moghti terminu ta’ erbghin (40) gurnata sabiex jipprezenta l-affidavit tieghu u wara l-Perit Legali giet ordnata sabiex tiffissa seduta wahda ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut u wara giet awtorizzata tipprezenta r-rapport taghha u l-kawza giet differita ghar-rapport ghad-29 ta’ April 2003.

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali fejn assolutament ma’ sar l-ebda gbir ta’ provi;

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta’ April 2003 fejn il-Qorti nnutat li l-konvenut ma pprezenta l-ebda affidavit u ordnat lill-Perit Legali tghaddi ghar-rapport bil-provi tal-konvenut jigu ddikjarat maghluqa; ta’ l-10 ta’ Gunju 2003; u tat-13 ta’ Novembru 2003 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport u l-attrici rremetiet ruhha ghall-istess, u *stante* li l-konvenut baqa’ ma deherx il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta’ Dicembru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali ipprezentat fid-9 ta’ Gunju 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-unika prova li tressqet f’din il-kawza kienet biss ix-xhieda ta’ l-attrici li saret permezz tal-procedura ta’ l-affidavit u dan ghalkemm il-kawza kienet ilha pendenti ‘l fuq minn tlett (3) snin.

Illi l-attrici xehdet li hija zzewwget lill-konvenut meta kellha sitta u ghoxrin (26) sena u hu kellu tmienja u ghoxrin (28) sena. Kienu ilhom jafu lil xulxin ghal madwar disa` (9) snin qabel iz-zwieg. Kienu ltaqghu f’*party* u bdew jiffrekwentaw lil xulxin. B’kollox huma damu mizzewwgin seba’ (7) snin u sseparaw permezz ta’ kuntratt fl-1994. Miz-zwieg taghhom huma ma kellhomx tfal.

Illi l-attrici tghid li hija kienet tahseb li thobb lill-konvenut, izda ma kenitx gharrfet x'karattru kellu. Kienu ggieldu sew kwazi lejliet it-tieg u dan peress li l-konvenut kien ihobb hafna il-kumpanija tal-hbieb. Fil-fatt anke matul l-gherusija ftit li xejn kienu jkunu wahedhom ghaliex dejjem imdawwrin bil-hbieb. Il-konvenut kien anke jdum barra maghhom anke ljieli. Izda peress li hija kellha kollox ippreparat ghaz-zwieg, ippreferiet temmen li wara z-zwieg l-affarijiet kienu ser jinbidlu.

Illi dwar is-suggett tat-tfal u dwar il-futur taghhom bhala mizzewwgin l-attrici tghid li hija kienet infatwata wara l-konvenut, izda xorta wahda hija hadet xokk qawwi meta irrealizzat wara z-zwieg li huwa ma riedx ikollu tfal. Kull meta xi hadd mill-familja kien jaghtihom l-ahbar li qeghdin jistennew tarbija, hija kienet tifrah, izda l-konvenut kien iwiddibha li jekk tohrog tqila, ma jharisx iktar lejha. Fil-fatt huma baqghu ma kellhomx tfal.

Illi l-attrici tkompli tixhed li huma mill-bidu nett taz-zwieg qatt ma kellhom hajja ta' koppja. Id-dar taghhom intliet b'nies hbieb tieghu. Il-konvenut kien idahhalhom jieklu, jixorbu u jorqdu. Kienu jinxtehtu mad-dar kollha u jibqghu sa x'hin iridu. Kien hemm okkazjonijiet fejn kienu jibqghu ghal *week-ends* shah u gieli baqghu ghandhom indefinittivament. L-attrici ma kellha l-ebda *privacy* u mhux l-ewwel darba li hija kienet tahrab lejn id-dar ta' ommha u dan sabiex hija tikseb ftit hin wahedha minn dawn l-estranji.

Illi bhala koppja mizzewwga, huma qatt ma siefru u kienu siefru darba qabel iz-zwieg u marru l-Grecja, izda l-konvenut kien uriha li kien iddejjaq. Wara z-zwieg huwa kien jiehu kull okkazjoni biex jibghata ssiefer wahedha. Meta kienet tirritorna, kienet issib id-dar ta' taht fuq, minhabba l-*parties* bla razan li jkun zamm.
Illi l-konvenut kien jiddejjaq meta kien jispicca d-dar wahdu maghha. Ghalih hija kienet biss oggett u kienet tilqa' biss it-tmaqdir tieghu u dan ghaliex il-konvenut kien ihobb jiddenegraha ghalxejn b'xejn.

Illi qabel iz-zwieg l-attrici kienet tahdem bhala *beautician* ma’ ditti rinomati. Kienet izzomm ruhha sew u kellha xoghol ta’ certu responsabbilta’. Wara z-zwieg hija hasset li kienet qed titlef is-*self-esteem* taghha u dan peress li ghal zewgha hija ma setghet taghmel xejn tajjeb. Ghalkemm baqghet tahdem wara z-zwieg, zewgha ma kien juri l-ebda interess f’dak li kienet qed taghmel. Kien hemm okkazjonijiet fejn kellha l-opportunita’ tattendi ghal *seminars* gewwa Ghawdex, izda hu qatt ma kien ikun irid imur maghha, u kien jispicca jmur maghha missierha.

Illi izjed ma beda jghaddi iz-zmien, izjed bdiet tispicca wahedha fiz-zwieg. Minflok sabet ragel u *partner* fil-konvenut, sabet bniedem li ma kienx jaghti kasha u wera l-egoizmu tieghu. Kollox kien jiccentra fuqu u kien dominanti fis-sens li huwa kien jinsisti li jaghmel dak li jghid hu u ma kien jikkalkolaha f’xejn. Anke dwar il-fedelta` tieghu lejha, l-attrici tghid li kellha dubji u dan ghaliex huwa kien ifittixha sesswalment ghall-izvog tieghu biss u minghajr imhabba lejha. Ma kienx joqghod lura milli jwaqqaghha ghac-cajt quddiem hbiebha u gieli kien anke jipprova jnezzaghha quddiemhom, izda hi kienet tieqaflu.

Illi l-attrici tikkonkludi billi tghid li huma damu jghixu flimkien ghal seba` (7) snin. Kienu jiggieldu ta’ spiss. F’okkazjoni partikolari tant kellhom glieda kbira li l-konvenut kien halliha timxi wahedha minn San Giljan ghall-Imsida u dan tard bil-lejl. Meta waslet id-dar huma regghu iggieldu u hu qabadha u refaghha minn qaddha u xehitha fl-art tul il-passagg. Ghalhekk hija ddecidiet tibda` l-proceduri ghas-separazzjoni.

## <u>ii) Principji Legali u apprezzament tal-provi fuq l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.</u>

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta li l-attrici qieghda tibbaza t-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg ghal diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19 (1) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg** u precipalment ghal dak li hemm previst fis-**sub-inicizi (1) (d) u (1) (f)** u cjoe’ li l-kunsens tal-konvenut kien

issimulat u li l-konvenut ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega ghal hajja mizzewwga u ma kienx kapaci jassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg minhabba anomalija psikologika li kien qed ibaghti minnha.

Illi **l-artikolu 19(1) (f)** jipprovdi li:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga."*

Illi hawnhekk il-ligi qeghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt, specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' jghid li z-zwieg jibda` jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu **"El Nuevo Derecho Matrimonial Canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali u cjoe'li:-

*"Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l'incontro di diverse volonta' in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta' di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale."*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma ikunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju li dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta' nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza*

*dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta."* (***J.F.Castano*** – **Il Sacramento del Matrimonio***).*

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjtihom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju li l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi li biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed li jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni posittiva. Dan ifisser li l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha il-volonta' u ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju li tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun ii mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car li l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire <u>mediante il modo di comportarsi</u> del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi."* ***(O. Giacchi*** – **Il Consenso Matrimoniale Canonico).**

Illi dan is-subartikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** deciza minn din il-Qorti fid-9 ta’ Marzu 2000 (Cit. Nru. 1019/98RCP) u ghalhekk qed issir riferenza ampja ghal principji legali enunzjati fl-istess.

Illi *‘noltre* f’sentenza fl-ismijiet **“Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella”** deciza fis-27 ta’ Novembru 2002 (Cit.Nru. 1822/01RCP), din il-Qorti stqarret is-segwenti u dan b’referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **“Theresa Taguri vs Avukat Christopher Cilia et. nomine”**:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perijodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.”*

Ara ukoll **“Josette Lungaro vs Jesmond Lauro”** – (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) – 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi vs Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunu 2000 u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) – 30 ta’ April 2002) fost ohrajn.

Illi kif sostniet il-brava perit legali Dr. Edwina Chetcuti, ghandu jinghad qabel xejn li l-provi prodotti f’din il-kawza huma skarsi hafna. L-unika xhieda hija dik ta’ l-attrici. Il-konvenut ghalkemm ressaq l-eccezzjonijiet tieghu ghogbu ma jottemperax ruhu ma’ l-ordinijiet tal-Qorti u ma ressaqx l-icken prova in sostenn ta’ dak allegat minnu.

Illi ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex ghazla ohra hlief li tistrieh fuq dak iddikjarat bil-gurament mill-attrici, liema xhieda ma tpingix xi stampa sabiha dwar il-konvenut.

Illi jidher mill-provi li l-konvenut kien ihobb il-hajja tad-divertiment u hbieb. Fid-dawl ta’ din l-imhabba ghal hajja bla kont ta’ xejn ma tantx seta’ jifformola x-xewqa li huwa jghix hajja taz-zwieg ma’ l-attrici. Il-hbieb ghalih kienu jigu l-ewwel u qabel kollox, qabel martu u qabel iz-zwieg

tieghu, tant li lanqas kellu ntenzjoni li jkollu tfal minn dan iz-zwieg, obbligu jew dmir, u fuq kollox element essenzjali tal-hajja mizzewga li seta' fixkel il-hajja ta' divertiment li tant kien ihobb.

Illi jirrizulta wkoll li ma' l-attrici jidher li ftit li xejn kien hemm komunikazzjoni, anzi l-presenza taghha kienet kwazi ddejjqu. Kien juzaha bhala strument sabiex jiddiehak biha quddiem shabu u kien anke juriha nuqqas ta' rispett kbir bhal meta kien jinsisti li hija tinza hwejjigha quddiem il-hbieb tieghu. Il-hbieb kienu jiddominaw il-hajja taz-zwieg u l-prezenza taghhom kienet wahda kontinwa u assidwa.

Illi ghalhekk jidher mix-xhieda ta' l-attrici li ma giet kontrastata bl-ebda mod li l-hajja ta' ta' din il-koppja suppost mizzewwga ma kenitx tezisti fl-isfond ta' din it-tip ta' hajja ddominata mill-hbieb tal-konvenut u anke mill-egoizmu tieghu. Ghalih huwa kien jigi l-ewwel u ma kellu l-ebda interess fis-sentimenti ta' l-attrici u lanqas fl-attrici bhala persuna.

Illi jidher illi l-koppja ftit li xejn kienu ikunu wahedhom u qatt ma ghamlu l-ebda pjanijiet ghall-futur la qabel u lanqas wara iz-zwieg. Donnu qisu l-konvenut baqa' jghix il-hajja tieghu ta' guvni anke wara z-zwieg. Anke l-attrici spiccat tghix hajja ta' persuna wahedha u cjoe` ta' *"single"* u dan fuq xewqa tal-konvenut stess – kienet issiefer wahedha, tmur ghas-*seminars* tax-xoghol taghha wahedha jew ma' missierha minflok ma' zewgha.

Illi dan kollu ma jhalli l-ebda dubju ghajnejn il-Qorti li l-konvenut issimula l-kunsens matrimonjali b'mod totali u dan ghaliex huwa eskluda z-zwieg bhala kuntratt fit-totalita' tieghu, mhux biss fir-rigward ta' xi wahda mill-elementi essenzjali tieghu. Fil-fatt jirrizulta ppruvat li huwa qatt ma kellu ntenzjoni jibni hajja taz-zwieg u wisq anqas familja ma' l-attrici u qatt ma ried li jkollu wlied.

**(iii) PRINCIPJI LEGALI U APPREZZAMENT TAL-PROVI FUQ L-ARTIKOLU 19 (1) (d) TAL-KAP 255.**

Illi skond **l-artikolu 19 (1) (d)** jinghad li z-zwieg ikun null, taht din id-dispozizzjoni tal-ligi:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi minn gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna jidher car li l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali m'huwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa kuntratt *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi ir-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu iz-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita*." (**Forum 1990.** Vol. I. part 1, pg.72)

Illi l-kuncett tad-*discretio iudicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **“Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella”** (P.A. (RCP) - 27 ta’ Novembru 2002 - Cit.Nru. 1822/01RCP) inghad is-segwenti:-

*“Illi ghalhekk b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta’ mmaturita’ li parti jew ohra fiz-zwieg tista’ tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. … Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita’ shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita’ ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg”.*

Illi fil-fatt fl-istess decizjoni kompla jinghad li:_

*“Illi ghalhekk biex ikun hemm nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”.*

Illi l-perit legali gustament ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **“Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri”** deciza fl-4 ta’ Novembru 1994 fejn l-istess Qorti diversament presjeduta studjat fil-fond il-kuncett tad-“diskrezzjoni tal-gudizzju”. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila tal**-Pompedda** l-Qorti affermat li:-

“*In ogni caso i nubenti debbono avere conoscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe’ col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa’ coniugale sia nei rigwardi dell’altra parte sia nei rigwardi della prole*.”

Illi fil-fatt ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu jghid, u dan gie abbraccjat fl-istess sentenza li:-

"*La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva … La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, dell'emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro*."

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (deciza 14 ta' Awissu 1995), din il-Qorti wkoll diversament presjeduta osservat is-segwenti:-

"*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within*."

Illi **s-subiniciz (1) (d)** jaghti bazi ohra ghan-nullita` taz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens. L-anomalija psikologika trid tkun wahda serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza hawn fuq citata:-

*“Inkapacita` jew impossibilita` vera f’dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta’ anomalija psikologika serja indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp psikjatriku jew ta’ psikologija tintakka sostanzjalment il-kapacita’ di intendere e/o di volere”.*

Illi fis-sentenza hawn fuq citata, **“Louise Vella vs Louis Vella”** fil-fatt il-Qorti tistqarr:-

*“Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad dritt kanoniku (Can.1095(3)), tirrikjedi mhux semplici diffikulta’, izda impossibilita li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”*

Illi finalment ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta’ x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewwga u cjoe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta’ hajja u prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Fil-fatt ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita` kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk ikkrejat ma jistax ikun wiehed validu.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et. nomine”** (P.A. 18 ta’ Jannar 2000 - Cit.Nru. 2443/97RCP) gie deciz li:-

*“Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap.255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma ‘the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseperable from the provision of an environment*

*conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characterisitics.' (**Viladrich, P.J.** op.cit., p.687)".*

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina din id-dispozizzjoni tal-ligi fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi fir-rigward ta' dan il-*caput nullitatis*, l-Qorti bhala perit legali thoss li l-provi huma wisq skarsi sabiex hija tista' tasal ghal konkluzjoni li l-konvenut ma kellux id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega ghal hajja mizzewwga jew inkella li ma kienx kapaci jassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg minhabba xi anomalija psikologika. Ix-xhieda ta' l-attrici ma hijiex bizzejjed konklussiva f'dan ir-rigward anke tenut kont tal-fatt illi l-konvenut kellu tmienja u ghoxrin (28) sena meta zzewwgu u ghalhekk wiehed jassumi li ta' dik l-eta' persuna kapaci tifhem u tevalwa x'inhu il-kuncett taz-zwieg. Inqas u inqas jista' jigi stabbilit l-ezistenza ta' xi anomalija psikologika serja li setghet kienet qed taffettwa lill-konvenut u dan ghaliex l-attrici ma taghti l-ebda ndikazzjoni dwar dan id-difett fil-konvenut, fix-xhieda taghha.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

**<u>(iv) L-ARTIKOLU 20 TAL-KAP 255.</u>**

Illi dwar it-tieni talba attrici jidher li ghalkemm giet ippruvata l-*mala fede* tal-konvenut f'dan il-kaz ma hemmx ulied u allura ma jistghux jigu applikati d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 20 (2) tal-Kap 255;** ghal dak li jirrigwarda l-obbligu ta' manteniment skond id-dispozizzjonijiet tas-**subartikolu (3) u (5) ta' l-istess Kap,** ma ingabet lanqas

l-icken prova dwar l-impjieg u l-introjtu taz-zewg partijiet u allura din it-talba ghandha tigi michuda minhabba nuqqas ta’ provi f’dan ir-rigward.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u filwaqt li **tichad it-tieni talba attrici** minhabba nuqqas ta’ provi, **tilqa’ l-ewwel talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Awissu tas-sena elf, disa` mija u sitta u tmenin (1986) huwa null u bla effett skond il-ligi, b’mod partikolari a tenur tas-**sub-inciz (f) tas-subartikolu 1 ta’ l-artikolu 19 ta’ l-att dwar iz-zwieg tas-sena elf, disa` mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta)** u ghalhekk tordna li ssir ir-registrazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------